# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-20 ta' Jannar, 2025.**

**Numru 17**

**Rikors numru 15/22/2 JVC**

**Peter sive Pierre Falzon**

**v.**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attur minn sentenza mogħtija fit-3 ta' Ottubru 2023, li permezz tagħha, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), filwaqt illi ċaħdet il-ħames eċċezzjoni tal-intimati u ddikjarat lill-Avukat Ġenerali bħala leġittimu kontradittur, ċaħdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kollha a karigu tal-istess rikorrenti.

**Preliminari:**

**A. Fatti**

2. L-appellant kien irrilaxxa stqarrija mal-Pulizija in konnessjoni mal-akkużi li sussegwentement ġew addebitati lilu, meta kien interrogat nhar l-14 ta' Diċembru 2012.

3. Fl-20 ta' Diċembru 2012, ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni, fil-konfront tal-appellant, fejn *inter alia* kien ġie akkużat b'approprjazzoni indebita;

4. L-artikoli kif jidher *a fol. 556* tal-atti li jġibu d-data tas-27 ta' Lulju, 2016, ġew moqrija fis-seduta tat-28 ta' Lulju, 2016 u fl-istess udjenza l-imputat, illum l-appellant iddikjara li m'għandux oġġezzjoni sabiex il-kawża tiegħu tiġi mismugħa u deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati.

5. Tul il-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja xehdu diversi xhieda, u l-prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha fit-28 ta' Lulju 2016. L-appellant ingħata l-fakultà li jibda jressaq il-provi għad-difiża tiegħu mill-udjenza tat-13 ta' Ottubru 2016.

6. Tul il-perkors ta’ dawn il-proċeduri, l-appellant kien qiegħed jaffaċċja proċeduri separati, li llum huma *res judicata*, fejn kien akkużat bl-istess reati.

7. Fil-preżent il-kumpilazzjoni bin-numru 1342/2012 fl-ismijiet: *Il-Pulizija (Spettur Rennie Stivala) vs Peter sive Pierre Falzon* tinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kif preseduta mill-Maġistrat Dr Rachel Montebello. Il-proċeduri jinsabu fl-istadju tal-provi difiża, u ilhom jiġu differiti għal dan il-għan mis-sena 2016.

**B. Proċeduri quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali):**

8. Permezz ta’ rikors intavolat nhar it-12 ta’ Jannar 2022 quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), l-appellant talab dikjarazzjoni illi fil-mori tal-proċeduri fil-konfront tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati Malta bħala Qorti Istruttorja u kif ukoll bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali, id-drittijiet tiegħu hekk kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni kienu leżi. Talab ukoll dikjarazzjoni illi l-Artikolu 534AF tal-Kodiċi Kriminali ma joffrix rimedju ta’ natura ordinarja sabiex jiġi kontestat rifjut tal-awtoritajiet kompetenti li

jipprovdu *disclosure* tal-informazzjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2012/13/UE u l-Artikolu 356 u 534AF tal-Kodiċi Kriminali.

9. Permezz ta' risposta konġunta datata 28 ta' Jannar 2022, l-intimati l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija filwaqt illi ċaħdu l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti, *inter alia* u fuq bażi preliminari eċċepew illi l-Avukat Ġenerali mhuwiex il-leġittimu kontradittur, filwaqt li fil-mertu, sostnew illi tul il-proċess kriminali ma sar xejn li b'xi mod seta' jinċidi fuq id-drittijiet tar-rikorrent, u ma jirriżulta minn imkien li b'xi mod ġiet mittiefsa xi waħda mill-protezzjonijiet mogħtija bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Sostnew illi: (a) il-proċeduri kollha qed jinżammu u qegħdin jiġu determinati minn qorti indipendenti u imparzjali; (b) ir-rikorrent għandu aċċess għall-qorti; (ċ) is-smigħ kollu qiegħed isir fil-preżenza tar-rikorrent; (d) il-partijiet qegħdin jiġu trattati b'mod ugwali mingħajr ebda vantaġġ proċedurali minn xi persuna fuq oħra; (e) ir-rikorrent qiegħed jingħata l-opportunità kollha biex jiddefendi l-każ tiegħu mingħajr xkiel; (f) ir-rikorrent huwa megħjun minn avukat tal-fiduċja tiegħu; u (ġ) ir-rikorrent qiegħed jingħata ż-żmien u l-faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tal-każ tiegħu.

10. Żiedu illi sabiex tinstab leżjoni tas-smigħ xieraq kif imħares taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni huwa meħtieġ li l-proċess ġudizzjarju jiġi

eżaminat fit-totalità tiegħu. Għalhekk ir-rikors kostituzzjonali odjern huwa intempestiv, b'dana illi l-Qorti għandha tiddeklina milli tistħarreġ ulterjorament dan l-ilment, u dan a tenur tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Subordinatament, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-intimati jiċħdu li huma ċaħdu l-aċċess għal xi evidenza materjali favur jew kontra r-rikorrent u spjegaw illi meta wieħed jitlob għal *disclosure,* dan ma jfissirx li għandu jedd għal kull ħaġa li hija potenzjalment fil-pussess tal-Pulizija *stante* li *disclosure* tingħata biss fir-rigward ta' provi materjali u rilevanti għall-persuna li tkun qed titlobha. Inoltre ma jirriżultax x'*disclosure* qiegħed jitlob u x'inhi l-informazzjoni jew l- evidenza li r-rikorrent jallega li ġie pprivat minnha. Għalhekk jirriżulta ċar li dan ir-rikors kostituzzjonali huwa intiż sabiex itawwal il-proċeduri penali pendenti fil-konfront tar-rikorrent. Affermaw ukoll illi mhuwiex minnu li ma hemmx rimedju ordinarju, *stante* illi l-Kodiċi Kriminali stess jipprovdi illi f'każ li persuna tħoss li ma ngħatatx *disclosure* ta' materjal fil-pussess tal-Pulizija, dik il-persuna tkun tista' tirrikorri quddiem Qorti jew Maġistrat. Dik il-Qorti jew Maġistrat għandha l-obbligu li tisma' l-prosekuzzjoni u minn hemm tiddeċiedi jekk aċċess għal materjal għandux jiġi rifjutat.

11. Permezz ta' rikors b'urġenza datat 11 ta' Marzu 2022, l-appellant talab lill-Ewwel Qorti sabiex tordna lil Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta'

Ġudikatura Kriminali, hekk kif preseduta mill-Maġistrat Dr Rachel Montebello, sabiex tissospendi l-proċeduri kontra l-appellant, u tissoprasjedi pendenti d-determinazzjoni tal-lanjanzi hekk kif miġjuba mill-appellant quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali).

12. B'digriet datat 29 ta' Marzu 2022, l-Ewwel Qorti kif preseduta laqgħet it-talba tal-appellant. L-intimati appellaw minn tali digriet, permezz ta' rikors tal-appell datat 4 ta' April 2022.

13. Permezz ta' sentenza datata 29 ta' Marzu 2023, din il-Qorti kif preseduta, wara li fl-udjenza tal-20 ta' Novembru 2022, qajmet e*x officio* l-eċċezzjoni tan-nullità tal-appell peress li ma ntalabx il-permess tal-Ewwel Qorti sabiex isir appell mid-digriet li ngħata fid-29 ta' Marzu 2022, irriteniet illi r-referenza għall-Artikolu 229(2)(e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta mhijiex f'postha, u affermat illi l-konvenuti kellhom jitolbu u jottjenu l-permess tal-Ewwel Qorti qabel jappellaw mid-digriet in kwistjoni (Artikolu 229(3) tal-Kap 12), b'dana illi għalhekk l-appell intavolat mill-konvenuti huwa null.

14. B'sentenza datata 3 ta' Ottubru 2023, l-Ewwel Qorti, filwaqt illi ċaħdet il-ħames eċċezzjoni tal-intimati u ddikjarat illi l-Avukat Ġenerali

huwa l-leġittimu kontradittur fil-proċeduri odjerni, ċaħdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

## C. Liġi applikabbli għal *fattispecie* taċ-ċirkostanzi odjerni:

### Kodiċi Kriminali: Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta

### Artikolu 18:

> *"Meta d-diversi atti magħmulin mill-ħati, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat, iżda l-piena tista'tiżdied minn grad sa żewġ gradi."*

### Artikolu 534AF:

> *"(1) Meta persuna waqt kull stadju ta' proċeduri kriminali tiġi arrestata jew detenuta, kull dokument li jinsab fil-pussess tal-Pulizija, li hu relatat mal-każ speċifiku u li hu essenzjali sabiex issir rikuża effettiva tal-legalità tal-arrest jew tad-detenzjoni, għandu jkun disponibbli lill-persuna arrestata jew lill-avukat tagħha.*
>
> *(2) Il-persuna suspettata jew l-akkużat għandu jkollhom aċċess,mingħajr ħlas, għall-evidenza materjali kollha li tinsab fil-pussess tal-Pulizija, kemm jekk hija kontra jew favur l-imsemmija persuna suspettata jew akkużat, jew lill-avukat tagħha sabiex tiġi salvagwardjata proċedura ġusta u sabiex jipprepara għad-difiża tagħhom.*
>
> *(3) Mingħajr preġudizzju għas-subartikolu (1), l-aċċess għall-evidenza materjali msemmija fis-subartikolu (2) għandu jingħata fi żmien xieraq sabiex ikun hemm eżerċizzju effettiv tad-dritt għal difiża u tal-inqas għandu jingħata mas-sottomissjoni tal-merti tal-kawża. Fejn aktar evidenza materjali tiġi fil-pussess tal-Pulizija, għandu jingħata aċċess*

> *fi żmien xieraq sabiex tkun tista' tiġi kkunsidrata mill-persuna suspettata jew mill-akkużat jew l-avukat tagħhom."*

**Artikolu 595:**

> *"Fil-każijiet imsemmijin fl-artikoli 591 u 593, jekk żewġ atti ta' akkuża jew iżjed jiġu ippreżentati fl-istess żmien jew fi żminijiet diversi, il-qorti tista', fuq talba tal-Avukat Ġenerali,tordna li huma jiġu magħqudin biex jiġu iġġudikati flimkien."*

**D. L-Appell:**

15. L-attur ħassu aggravat minn din id-deċiżjoni u intavola appell nhar l-20 ta' Ottubru 2023 u talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Qorti u tgħaddi biex tilqa' t-talbiet kollha tiegħu hekk kif dedotti fir-rikors promotur u konsegwentement tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati.

16. L-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija wieġbu għall-appell tar-rikorrenti permezz ta' risposta konġunta datata 2 ta' Novembru 2023 u filwaqt li affermaw illi s-sentenza tal-Ewwel Qorti timmerita li tiġi konfermata *in toto,* qalu illi l-argumenti tal-appellant ma jreġġux u li l-appell huwa frivolu u vessatorju. Isostnu illi kif diġà sottomess minnhom quddiem l-Ewwel Qorti, il-lanjanzi tal-appellant imorru *oltre* l-lanjanzi u t-talbiet imressqa fir-rikors promotur, b'dana illi l-kawża tirrigwarda allegat nuqqas ta' *disclosure* u mhux id-diskrezzjoni tal-prosekuzzjoni fil-ħruġ tal-

akkużi kontra l-appellant, ilment li tressaq biss fl-istadju ta' sottomissjonijiet quddiem l-Ewwel Qorti. Lanqas ma tirrigwarda l-Artikolu 595 tal-Kap 9. Madankollu jargumentaw illi l-prosekuzzjoni ma aġixxietx b'mod abbużiv u l-Ewwel Qorti ġustament ma sabitx ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Isostnu ukoll illi fl-appell tiegħu, l-appellant bħal donnu qiegħed iqajjem kwistjonijiet ta' *ne bis in idem,* li wkoll imorru *oltre* l-parametri tal-kawża odjerna. B'referenza għas-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2020, jaffermaw illi hija irrilevanti għal mertu tal-proċeduri odjerni, *stante* li din is-sentenza la kienet tirrigwarda allegat nuqqas ta' *disclosure,* u lanqas l-applikazzjoni *o meno* tal-Artikolu 595 tal-Kap 9.

*L-Aggravju:*

17. Minn eżami tar-rikors tal-appell, jirriżulta illi l-aggravju tal-appellant huwa msejjes fuq il-kwistjoni tal-pluralità ta' kawżi miġjuba fil-konfront tal-istess appellant, u dana wara rapporti magħmula minn terzi bejn is-sena 2011 u 2016. Skont l-appellant, dan l-ilment, l-Ewwel Qorti injoratu u skartatu kompletament, u għażlet biss illi tippronunzja ruħha fuq dik il-parti mis-sottomissjonijiet tal-appellant li kienet titratta l-kwistjonijiet fuq *disclosure.* Il-Qorti madankollu rat illi dana l-aggravju huwa sostanzjalment mibni fuq dak sottomess mill-appellant f'dik il-parti tan-

nota ta' sottomissjonijiet tiegħu fejn jindirizza il-kwistjoni tal-pluralità tal-kawżi miġjuba kontra tiegħu, ossija, paġna 25 *et seq.,* tal-imsemmija nota ta' sottomissjonijiet.

18. Jargumenta illi n-nuqqas da parti tal-prosekuzzjoni illi tuża l-għodda legali kontemplata fl-Artikolu 595 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fil-fehma tiegħu wassal għas-segwenti fatturi: (i) kwistjonijiet relatati mal-obbligu ta' *disclosure* b'dana illi l-appellant kien ikun interrogat minn spetturi diversi, u anke jekk intortament, kienu jagħtu informazzjoni parzjali lill-appellant, skond dak li kien ikollu/ha quddiemu/ha l-ispettur rispettiv u mhux il-kumplament tal-informazzjoni miġbura mill-kollegi l-oħra tiegħu jew tagħha fi ħdan l-isess *economic crime unit*, b'dana għalhekk illi l-appellant kien prekluż milli jiddefendi ruħu bl-aħjar mod; (ii) il-proliferazzjoni ta' rapporti u kawżi kontra l-persuna tal-appellant wassal għal sitwazzjoni fejn illum hemm sentenzi kontradittorji fil-konfront tiegħu u dan minkejja li l-kawżi kollha prattikament jittrattaw l-istess tip ta' reati. L-appellant qiegħed jaffaċċja sitwazzjoni fejn filwaqt li f'ċertu kawżi ġie liberat, f'oħrajn instab ħati, u ġie mogħti pieni li jvarjaw minn dawk ta' libertà kondizzjonata għal saħansitra priġunerija effettiva; (iii) f'ċertu każijiet l-appellant kien anke qiegħed jaffaċċja akkużi ta' reati li ma setgħu jirriżultaw bl-ebda mod.

19. Jafferma illi filwaqt li fl-ebda punt ma stqarr illi hu esiġa illi l-prosekuzzjoni kellha toqgħod tistenna li jidħlu r-rapporti kollha qabel ma pproċedew billi jressquh quddiem il-Qorti, huwa fatt indiskuss illi kumpilazzjoni ma tingħalaqx fi ftit ġranet jew ġimgħat, b'hekk tul id-diversi snin mill-ftuħ tal-kumpilazzjoni sal-għeluq tagħha, il-prosekuzzjoni setgħat tagħmel użu mill-Artikolu 595 tal-Kap 9.

20. L-intimati jargumentaw illi l-proċeduri intavolati quddiem l-Ewwel Qorti ma kinux jirrigwardaw id-diskrezzjoni tal-prosekuzzjoni fil-ħruġ tal-akkużi jew l-Artikolu 595 tal-Kap 9, iżda dwar allegat nuqqas ta' *disclosure* ta' evidenza materjali. Fil-fatt l-appellant talab dikjarazzjoni illi d-drittijiet tiegħu hekk kif protetti mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenjzoni, ġew leżi. Talab ukoll dikjarazzjoni illi l-Artikolu 534AF tal-Kap 9 ma joffrix rimedju ordinarju għal min irrid jikkontesta ir-rifjut da parti tal-awtoritaijet ikkonċernati li jipprovdu *disclosure* ta' informazzjoni. Illi għalhekk huwa pależi illi l-lanjanza oriġinali tal-appellant ma kinitx tirrigwarda l-pluralità tal-proċeduri li ttieħdu fil-konfront tiegħu u l-applikazzjoni *o meno* tal-Artikolu 595 tal-Kap 9.

21. Spjegaw illi l-unika referenza għal din il-kwistjoni kienet biss waħda *di passaggio*, u mkien ma jissemma l-Artikolu 595 tal-Kodiċi Kriminali. Fil-fatt jippreċiżaw illi kien biss fl-istadju tas-sottomissjonijiet bil-miktub illi l-

appellant qajjem dan l-ilment, u fil-fatt l-Ewwel Qorti, minkejja li fil-fehma tal-intimati ma kellha l-ebda dmir li tikkunsidra tali sottomissjonijiet, xorta waħda qieset dan il-punt.

22. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet in materja:

> *"Illi dwar il-pluralita' tal-proceduri kriminali fil-konfront tar- rikorrent jirrizulta li dan sehh minhabba n-numru kbir ta' rapporti li saru minn terzi fil-konfront tar-rikorrent, liema rapporti saru fuq numru ta' snin certament bejn is-sena 2011 u s-sena 2016 w'ghalhekk huwa irragonevoli li r-rikorrent jipretendi li l-pulizija ezekuttiva taghmel miserjament hames snin tistenna sabiex tara jinqalax xi kwerelant iehor qabel ma tressaq lir-rikorrent. Anzi mill-atti jirrizulta li fejn setghet il-Pulizija ghaqqdet diversi kazijiet flimkien u dan ai fini ta' praticita' meta dawn il-kazijiet ikunu tressqu b'rapport fi zminijiet vicin ta' xulxin. Illi kif xehdu l ispetturi koncernati fl-atti odjerni, il-kazijiet tar-rikorrent kienu wiehed pjuttost sui generis fejn rapport wiehed kien qieghed jiftah ghajnejn diversi nies dwar dak li seta sehh u dan wassal ghal numru ta' rapporti fuq numru ta' snin. Certament ma tistax tintefa' kwalunkwe responsabilta' legali rizultat ta' din is-sitwazzjoni fattwali u pjuttost straordinarja fuq il-Pulizija nvoluti. Jirrizulta lil din il-Qorti ghalhekk li l-pluralita' ta' kazijiet fil- konfront tar-rikorrent ma kienux rizultat ta' xi nuqqas ta' disclosure da parti tal-pulizija jew il-prosekutur, li rrizulta li kull informazzjoni li kellhom ghamluha nota lir-rikorrent sa mill- mument tal-istqarrija, w'ghalhekk anki dan l-ilment da parti tar-rikorrent ma jirrizultax gustifikat u ma jinkwadrax ruhu fl-ewwel talba tar-rikorrent u ser jigi michud."*

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

23. Permezz ta' dana l-appell, l-appellant qiegħed jilmenta minn allegata leżjoni tad-dritt fundamentali tiegħu hekk kif protett bl-Artikolu 6 u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, in kwantu, dan il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq inkiser meta tressaq akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati mill-

Pulizija b'għadd ta' akkużi fi proċedimenti separati. Illi minn ħarsa lejn ir-rikors promotur jirriżulta illi l-lanjanzi kostituzzjonali u konvenzjonali tal-appellant huma partikolarment diretti versu il-kumpilazzjoni bin-numru 1342/2012, liema kumpilazzjoni għadha tinsab pendenti quddiem il-Maġistrat Dottor Rachel Montebello.

24. Minn eżami tal-premessi kif ukoll mill-ewwel talba tar-rikors promotur jirriżulta immedjatament u b'mod manifest illi r-rikorrenti jsejjes l-allegat ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq fuq vjolazzjoni tal-prinċipju ta' *equality of arms* u d-dritt għal *adversarial proceedings,* minkejja li fl-ebda stadju ma llimita l-każ tiegħu għal xi subinċiżi partikolari. Fil-fatt u in sostenn ta' dan jiċċita fit-tul l-insenjamenti tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fid-deċiżjoni fl-ismijiet: *Rowe u Davis kontra r-Renju Unit.* Dan kien ukoll osservat mill-Qorti tal-Maġistrati kif preseduta mill-Maġistrat Dr Rachel Montebello fid-digriet tagħha tat-3 ta' Marzu 2022.[1]

25. Ġie ritenut illi:

> *"The principle of equality of arms is a component of the right to a fair hearing. It appeared in very early decisions of the European Commission of Human Rights before being endorsed in the case law of the Court. It requires that as regards litigation involving opposing private interests, equality of arms implies that each party must be afforded a reasonable opportunity to present his case – including his*

[1] Ara kopja tal-istess digriet *a fol 808 et seq.*

> *evidence- under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis-av-vis his opponent… there is a close relationship between the notion of equality of arms and the desirability of adversarial proceedings.”*[2]

26. L-appellati kif diġà aċċenat sopra, isostnu illi l-appell odjern huwa wieħed fieragħ u vessatorju, b'dana illi l-argument dwar il-pluralità tal-kawżi miġjuba kontra l-appellant, imur *ben oltre* l-lanjanzi u t-talbiet hekk kif oriġinarjament dedotti fir-rikors promotur. Jaffermaw illi l-lanjanzi vantati mill-appellant fir-rikors promotur kienu jirrigwardaw biss l-allegat nuqqas ta' *disclosure* ta' evidenza, fatt li fil-fehma tal-appellati, jirriżulta ċar minn qari tal-istess rikors promotur, u kif ukoll mit-talbiet fl-istess rikors promotur.

27. Kif ingħad diversi drabi, bil-kelma “frivola”, ġie mill-Qrati mfisser illi kwistjoni ma tkun ta' l-ebda preġju jew siwi, u li ma jistħoqqilhiex attenzjoni. Bil-kelma “vessatorja” wieħed jifhem li l-kwistjoni tkun tqanqlet mingħajr raġunijiet tajbin biżżejjed u bil-ħsieb li ddejjaq u tirrita lill-parti l-oħra. Il-liġi żżid ukoll il-kwalifika li l-kwistjoni tkun “sempliċement” frivola u vessatorja, jiġifieri tkun mill-ewwel u mad-daqqa t'għajn tidher “vana, nieqsa mis-serjeta', manifestament nieqsa mis-sens u ma jistħoqqilhiex attenzjoni.”[3]

---

[2] William A Schabas, “Article 6 Right to a Fair Trial” f' “The European Convention on Human Rights,” p.288 *et seq*.

[3] Ara Kost. 23.11.1990 fil-kawża fl-ismijiet Mifsud et v. L-Avukat Ġenerali et (Kollez. Vol: LXXIV.i.227) u Kost. 10.5.1995 fil-kawża fl-ismijiet Ciantar et v. Il-Prim Ministru ta' Malta (Kollez. Vol: LXXIX.i.126)

28. Din il-Qorti qrat ir-rikors promotur diversi drabi u rriżultalha s-segwenti:

(i) il-kwistjoni ta' *disclosure* hija s-suġġett primarju f'numru ta' premessi fir-rikors promotur, partikolarment il-premessa numru 2, 7, 8, u 9, u kif ukoll fil-paragrafi mmarkati bl-ittra a, c, d, e, g, j;

(ii) hemm ukoll referenza għall-Artikolu 534AF tal-Kap 9, u referenza għad-Direttiva 2012/13/UE;

(iii) permezz tat-tieni talba fir-rikors promotur, l-appellant kien talab lill-Ewwel Qorti: "*Tiddikjara li Artikolu 534AF tal-kodiċi kriminali ma joffrix rimedju ta' natura ordinarja lill-persuni aggravati li jkunu jridu jikkontestaw ir-rifjut tal-awtoritajiet kompetenti li jipprovdu disclosure tal-informazzjoni f' konformita mad-disposizzjonijiet tad-direttiva 2012/13/UE u l-artikolu 356 u 534AF stess tal-kodiċi kirminali";*

(iv) il-Qorti ma riskontrat l-ebda referenza għall-Artikolu 595, jew lanjanza ta' natura kostituzzjonali u/jew konvenzjonali diretta lejn dan id-dispożittiv tal-liġi, iżda biss ilment dirett lejn l-Artikolu 534AF in kwantu dan fil-fehma tal-appellant, ma joffrix rimedju ordinarju.

29. Fir-rikors b'urġenza datat 11 ta' Marzu 2022[4] li permezz tiegħu l-appellant talab lill-Ewwel Qorti tordna lill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dr Rachel Montebello, sabiex tissospendi l-proċeduri fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Peter sive Pierre Falzon,* u tissoprasjedi pendenti d-determinazzjoni ta' dawn il-lanjanzi, il-kwistjoni tal-pluralità ta' kawżi miġjuba kontra l-appellant kienet indirizzata mill-appellant però dejjem b'rabta mal-kwistjoni tal-allegat nuqqas ta' *disclosure*. Kien fil-fatt fl-istadju tan-nota ta' sottomissjonijiet illi l-kwistjoni dwar il-pluralità tal-kawżi ngħatat prominenza mill-appellant fl-argumenti miġjuba minnu, tant illi dan l-argument assuma xejra ta' lanjanza għal rasha.

30. Din il-Qorti rat ukoll illi l-Qorti tal-Maġistrati kif preseduta fil-kumpilazzjoni kontra l-appellant bin-numru 1342/2012, fid-digriet tagħha tat-3 ta' Marzu 2022[5] ġie sottolineat illi fl-ebda waqt ma rriżulta illi l-appellant jew id-difensuri tiegħu invokaw id-dritt taħt l-Artikolu 534A u talbu aċċess għal xi materjal jew evidenza, u lanqas ma tressqu lamenteli dwar nuqqas ta' *disclosure,* osservazzjoni li għamlet ukoll l-Ewwel Qorti.

31. Sussegwentement jidher illi fl-istadju tal-appell, u minkejja li l-Ewwel Qorti ma riskontrat l-ebda vjolazzjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq

[4] Ara rikors a fol 798 *et seq*., tal-atti.
[5] Ara digriet a fol 808 *et seq*. tal-atti.

abbażi ta' nuqqas ta' *disclosure*, l-appellant bħal donnu ttenta xortih billi ggranfa ma' l-argument sekondarju u sussidjarju miġjub minnu fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, *ossia*, dak tal-pluralità tal-kawżi, filwaqt illi skarta kompletament il-lanjanza oriġinali tiegħu tan-nuqqas ta' *disclosure*. Illi *ciononostante*, talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka l-ġudikat tal-Ewwel Qorti. Fir-rikors tal-appell dwar l-allegat nuqqas ta' *disclosure* sar biss aċċenn fir-rikors tal-appell mill-appellant, in kwantu l-Ewwel Qorti *"…ppronunzjat ruha biss fuq parti mis-sottomissjonijiet tal-esponenti u cioe ghall-punt li jirirgwarda id-disclosure hekk kif kontemplat fl-artikolu 534AF tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta u xejn aktar."* Il-Qorti rat ukoll illi f'sezzjoni "E" tar-rikors tal-appell intestat "L-Aggravji", l-appellant jafferma s-segwenti: "*dan l-aggravju ser jitratta propju dak kjarament issottolineat da parti tal-esponenti u cioe ghall-kwistjoni tal-pluralita ta' kawzi li kien hemm fil-konfront tieghu."*[6]

32. Konsidrat is-suespost, din il-Qorti taqbel mal-appellati, illi l-aggravju tal-appellant hekk kif inkwadrat fir-rikors tal-appell, jitratta materja li ma kinitx inkluża fir-rikors promotur, *stante* li l-enfasi sħiħa fir-rikors promotur kienet appuntu fuq l-allegat nuqqas ta' *disclosure*, u kif dan il-fatt, fil-fehma tal-appellant wassal għal disparità fl-armi bejn il-prosekuzzjoni u d-difiża, in vjolazzjoni tal-garanziji protetti bid-dritt ta'

[6] Din il-parti tar-rikors tal-appell fil-maggiorparti tagħha hija fil-fatt riproduzzjoni tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-appellant.

smigħ xieraq. L-allegazzjoni tal-ksur ta' dan id-dritt fundamentali hekk sanċit mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni, fir-rikors promotur, hija mfissra unikament u espressament fil-qafas ta' lanjanza minħabba nuqqas ta' *disclosure* u mhux minħabba l-pluralità ta' kawżi miġjuba kontra l-appellant u l-konsegwenzi naxxenti minn dan.

33. Filwaqt illi huwa minnu illi f'kawżi marbuta mad-drittijiet fundamentali tal-bniedem din il-Qorti mhix tenuta timxi strettament mat-talbiet kif dedotti fir-rikors promotor, iżda tista' tippermetti żieda fl-ilmenti tul il-kors tal-kawża, u anke tqajjem hi *ex officio* jekk tħoss li, għall-fatti li tressqu quddiemha, jista' jkun li jgħodd xi artikolu ieħor tal-Konvenzjoni jew tal-Kostituzzjoni, ingħad ukoll illi dan jista' jsir *"basta li l-Qorti tesprimi l-ħsieb tagħha fil-kors tas-smigh biex tagħti kull opportunità lill-partijiet iressqu provi u jittrattaw il-materja a bażi ta' dik il-pretensjoni l-ġdida."*[7]

34. Mhemmx għalfejn jiġi ripetut illi biex Qorti fi grad ta' appell (bħal ma hija din il-Qorti sa ċertu punt in kwantu hija tirrivedi l-ġudikat tal-Prim'Awla fis-sede Kostituzzjonali tagħha), ikollha verament il-funzjoni ta' qorti ta' reviżjoni, u biex, anzi, jiġi evitat li din ssir qorti ta' prim'istanza, l-

[7] Ara *inter alia* deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Yaszan v. Prim Ministru, deċiża nhar it-28 Settembru 2012.

eċċezzjonijiet u l-provi dwarhom għandhom jingħataw, jiġu prodotti u trattati quddiem il-Qorti inferjuri.[8]

35. Fil-każ odjern, din il-Qorti trid issib applikazzjoni għal prinċipju ben stabbilit ta' *noviter dedictus*. Ġie ribadit diversi drabi u *ormai* huwa ben risaput illi:

> *"Il-Qorti trid toqgħod biss ma' dak li jissemma u jintalab fir-rikors promotur u tqis l-ilment kif, fil-fatt, magħmul. M'huwiex sewwa li, wara li l-kawża tkun trattata u dibattuta, l-parti żżid il-firxa tal- ilmenti tagħha b'sottomissjonijiet ġodda fin-Nota tagħha lil hinn minn dak li jkun intalab minnha sa mill-bidu fl-atti u bla ma l-parti l-oħra tkun ingħatat l- opportunità li tirribatti dawk l- allegazzjonijiet."[9] (Enfasi ta' din il-Qorti)*

36. Ġie ukoll ritenut illi:

> *"Din il-Qorti tara li dan hu każ fejn l-appellanti, wara li kellhom deċiżjoni avversa, qed jipprovaw, kif jingħad bl- ingliż, to move the goal posts, u ċioè jippruvaw jispustaw il-kwistjoni minn kif originarjament miġjuba fir-rikors promotorju. F'ebda ħin quddiem l-ewwel Qorti r-rikorrenti ma talbu xi korrezzjoni fir-rikors promotorju biex, forsi, jispjegaw dak li issa qed jgħidu li kien "evidenti" fil-mod kif impustaw il-kawża.[10]*

37. Ġie ukoll ribadit illi mhuwiex leċitu li parti tqajjem materji ġodda quddiem il-Qorti ta' reviżjoni, kemm għax dan ikun jissorprendi lill-kontroparti u jipprivaha mid-dritt tad-*doppio esame* kif ukoll għaliex il-Qorti

[8] Ara deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Ċivili (Sede Superjuri) fl-ismijiet Carmen Mallia *et noe* v. Mario Spiteri deċiża nhar id-9 ta' Novembru 2005.
[9] Ara *inter alia John sive Johan Mifsud v. Kummissarju tal-Pulizija et deċiża nhar il-18 ta' April 2013 mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali)*
[10] Ara *Joseph Caruana et v. Prim Ministru et deċiża nhar it-13 ta' Ottubru 2007 mill-Qorti Kostituzzjonali.*

ma għandhiex bħala regola tippermetti li dan isir meta l-fatti formanti l-bażi tal-kontestazzjoni jkun diġà sewwa magħruf lill-appellanti qabel u waqt it-trattazzjoni tal-kawża quddiem l-Ewwel Qorti.[11] L-istess insibu fis-segwenti sentenzi aktar riċenti ta' din il-Qorti: ***Carmel Buttigieg et v. Direttur tal-Artijiet et***, deċiża nhar it-28 ta' April 2017, u kif ukoll ***Charles Bugeja et v. Tabib Prinċipali tal-Gvern et*** deċiża nhar id-29 ta' Marzu 2019.

38. Filwaqt li Qorti tikkonċedi illi l-kwistjoni tal-pluralità ta' każijiet miġjuba kontra l-appellant tinkwadra taħt dan id-dritt ampju u wiesa' għal smigħ xieraq, din tal-aħħar tippresupponi stħarriġ u konsiderazzjonijiet ben diversi mill-ilment oriġinali relatat mal-allegat nuqqas ta' *disclosure, ad exemplum* konsiderazzjonijiet relatati ma' piena, il-prinċipju ta' *ne bis in idem*, duttrina li għaliha ttenta jagħmel aċċen l-appellant fir-rikors in deżamina, u possibbilment vjolazzjonijiet tad-dritt naxxenti minn garanziji oħra koperti mill-Konvenzjoni u l-Kostituzzjoni.

39. Minn qari tas-sentenza tal-Ewwel Qorti huwa evidenti illi l-Ewwel Qorti indirizzat din il-materja strettament u esklussivament bħala waħda mill-konsegwenzi tal-allegat nuqqas ta' *disclosure*, u mhux bħala l-ilment prinċipali, għaliex tali argument hekk kien ġie dipint fir-rikors promotur. Il-

[11] Ara fost oħrajn Pawlu Bezzina et v. Charles Vassallo, deċiża 11 ta' Mejju 2015.

Qorti tagħraf illi dan l-istat ta' fatt, kien a konoxxenza tal-appellant mill-bidu tal-proċeduri kriminali u minkejja dan ma rreġistra l-ebda ilment; la rigward l-allegat nuqqas ta' *disclosure* u lanqas *vis-à-vis* il-pluralità tal-kawżi miġjuba kontrih quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Fil-fatt l-ewwel lanjanzi ta' indoli kostituzzjonali u konvenzjonali ġew sollevati mill-appellant ċirka sitt (6) snin wara li l-prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha fil-kumpilazzjoni bin-numru 1342/2012 propju permezz tal-proċeduri kostituzzjonali odjerni. Tali passivita' tul dan it-trapass ta' żmien konsiderevoli huwa fil-fehma ta' din il-Qorti, xejn ħlief indikazzjoni ċara tal-vera motivazzjoni wara l-intavolar tal-proċeduri odjerni, u ċjoè dilungar tal-proċeduri kriminali kollha pendenti.

40. Bil-kemm hemm bżonn li jingħad li kien ikun ferm aħjar li kieku dan l-argument ġie ċċarat fil-bidu nett tal-kawża quddiem l-Ewwel Qorti. Kieku sar hekk, kull parti kienet tkun taf preċiżament fejn qiegħda. Dan id-dover kien jinkombi fuq l-appellant, u n-nuqqas ta' l-appellant li ma ċċarax dan kollu ma għandux jippreġudika d-drittijiet ta' l-appellati.

41. Għalhekk dan l-appell mhuwiex fondat.

42. F'kull każ fir-rigward l-applikabilità tal-Artikolu 595 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti *obiter* tosserva illi l-artikolu ċitat jaqa' taħt

**Titolu V: Fuq l-Att tal-Akkuża**. L-Artikolu 588 tal-istess kodiċi jagħmel referenza għal reati ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali. Huwa evidenti għalhekk illi d-dispożizzjonijiet tal-liġi penali illi jaqgħu taħt dan it-titolu, jindirizzaw reati li jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali. Filwaqt li din il-Qorti tafferma l-konklużjonijiet raġġunti minnha fid-deċiżjoni fl-ismijiet: ***Il-Pulizija v. Joseph Muscat*** deċiża minn din il-Qorti nhar il-25 ta' Ottubru 2023, tosserva illi l-insenjamenti tal-Qorti f'dik il-kawża mhumiex applikabbli għal proċeduri odjerni, u dana *stante* li proċeduri relatati mal-ħlas ta' manteniment, il-materja f'***Muscat,*** jaqgħu fil-kompetenza oriġinarja tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u dan kuntrarjament għar-reati addebitati lill-appellant fil-każ odjern li jaqgħu fil-kompetenza estiża tal-Qorti tal-Maġistrati.

43. Din il-Qorti tabbraċċja l-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-sentenza fl-ismijiet ***Gaetano Mark Savery v. L-Avukat Ġenerali et*** deċiża nhar id-9 ta' Mejju 2019, f'każ b'ċirkostanzi simili għal dawk tal-appellant odjern. F'***Savery*** l-akkużat kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati mixli b'approprjazzjoni bla jedd u b'qerq. Il-Qorti b'referenza għall-Artikoli 593 u 595 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta tenniet illi:

> *"Illi l-Qorti tqis li dawn l-artikoli tal-liġi jirreferu għall-proċedimenti quddiem il-Qorti Kriminali bil-ħruġ tal-Att tal-Akkuża u ma jidhirx li jgħoddu għall-proċedimenti fil-Qrati tal-Maġistrati, fejn tmexxew il-każijiet kontra rrikorrent. Għalhekk, il-Qorti ma tantx tista' toqgħod*

> *tgħarbel l-ilment tar-rikorrent fid-dawl ta' dawn id-dispożizzjonijiet għaliex huwa mhuwiex jilmenta mill-fatt li tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati minflok tressaq quddiem il-Qorti Kriminali."*

44. Mill-provi mressqa fl-atti ta' din il-kawża rriżulta illi r-rapporti jew kwereli li tressqu lill-Pulizija dwar l-imġieba tar-rikorrent avveraw fuq medda ta' xhur jekk mhux snin, minn persuni differenti. Il-każijiet kienu mistħarrġa minn uffiċjali tal-Pulizija differenti fi ħdan it-Taqsima tar-Reati Ekonomiċi (ECU) jew saħansitra minn Spetturi tal-Għassa. Meta l-każ tar-rikorrent sar magħruf, bdew ġejjin 'il quddiem persuni oħrajn li ntlaqtu. Il-każijiet kollha ma kinux mistħarrġa mill-istess uffiċjal tal-Korp u, b'dana illi wara li l-appellant kien saħansitra tressaq quddiem il-Qorti b'rabta mar-rapporti inizjali, baqgħu deħlin għand il-Pulizija kwereli jew rapporti oħrajn li jirrigwardaw lir-rikorrent minn persuni oħrajn. Dan irriżulta paleċement mit-testimonjanzi tal-uffiċjali tal-Pulizija inkarigati bl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-każ tal-appellant u ċjoè l-Ispettur Rennie Stivala[12], u dik tas-Supretendent Maurice Curmi.[13]

45. Għalhekk, bl-ebda mod ma ntwera illi l-mod ta' kif tmexxew il-proċedimenti kontra r-rikorrent kien jiddependi għal kollox minn għażla diskrezjonali magħmula abużivament tal-Pulizija li tgħaddih bla bżonn minn aktar minn kawża waħda minflok tiġbor kollox fi proċediment

[12] Ara xhieda a fol 1065 *et seq*., tal-atti.
[13] Ara xhieda a fol 1048 *et seq*., tal-atti.

wieħed. Meta l-Qorti tqis il-prinċipji msemmija fil-qafas tal-provi prodotti, hija tasal għall-fehma illi ma jistax bl-ebda mod jingħad li l-mod kif il-Pulizija mxiet fir-rigward tar-rikorrent jissarraf f'użu mhux xieraq tad-diskrezzjoni mogħtija mil-liġi dwar kif tmexxi l-prosekuzzjoni tal-azzjonijiet kriminali meħuda kontrih.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell fl-intier tiegħu u tordna illi l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da